

Brussell, 2 ta' Diċembru 2016
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2016/0379 (COD)**

**15135/16
ADD 8**

**ENER 418
ENV 758
CLIMA 169
COMPET 637
CONSOM 301
FISC 221
IA 131
CODEC 1809**

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	1 ta' Diċembru 2016
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2016) 411 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għas-suq intern tal-elettriku (riformalazzjoni) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal- Kunsill dwar is-suq intern tal-elettriku (riformalazzjoni) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Aġenzija tal- Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (riformalazzjoni) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal- Kunsill dwar l-Istat ta' tnejn fis-settur tal-elettriku

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument SWD(2016) 411 final.

Mehmuż: SWD(2016) 411 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.11.2016
SWD(2016) 411 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għas-suq intern tal-elettriku (riformulazzjoni)

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-suq intern tal-elettriku (riformulazzjoni)

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (riformulazzjoni)

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Istat ta' tħejjija fis-settur tal-elettriku

{COM(2016) 861 final}

{SWD(2016) 410 final}

{SWD(2016) 412 final}

{SWD(2016) 413 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv

Valutazzjoni tal-impatt dwar:

- Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għas-suq intern tal-elettriku (riformazzjoni)
- Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-suq intern tal-elettriku (riformazzjoni)
- Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (riformazzjoni)
- Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istat ta' tnejn fis-settur tal-elettriku

A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni

Għalfejn? X'inhi l-problema li qiegħda tiġi indirizzata? Massimu ta' 11-il linja

Swieq tal-enerġija li jaħdmu b'mod effiċjenti u li jiżguraw provvisti tal-enerġija sikuri bi prezzijiet kompetittivi huma essenzjali sabiex jinkisbu t-tkabbir ekonomiku u l-benessri tal-konsumatur. Għalhekk huma fil-qalba tal-politika tal-enerġija tal-UE. Huma wkoll għan ewlieni tal-Unjoni tal-Enerġija tal-UE, li ħabbret l-intenzjoni tagħha li tnejn proposti leġiżlattivi dwar is-sigurtà tal-provvista tal-elettriku u biex is-suq tal-elettriku jiffassal mill-ġdid, biex il-bejgħ bl-imnut u bl-ingrossa jintrabtu flimkien. Il-valutazzjoni tal-impatt turi li t-tranżizzjoni lejn livelli baxxi ta' karbonju jkollha implikazzjonijiet profondi għall-organizzazzjoni tas-settur tal-elettriku tal-UE u r-rwoli tal-atturi fis-suq u l-konsumaturi. Tidentifika l-ħtieġa għal titjib potenzjali f'erba' oqsma interrelatati: (i) id-disinn attwali tas-suq mhux xieraq għall-assorbiment ta' ammonti kbar ta' elettriku ġenerat varjabbli, kemm-il darba deċentralizzati u biex jippermetti għal żviluppi teknoloġiċi ġodda; (ii) teżisti inċertezza dwar jekk l-investiment futur fil-kapaċità ta' ġenerazzjoni tkunx biżżejjed u tkunx fuq swieq mhux koordinati tal-kapaċità; (iii) fit-tnejn jew il-ġestjoni ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi, l-Istati Membri jsegwu approċċi nazzjonali mhux koordinati u għandhom tendenza jinjoraw is-sitwazzjoni lil hinn mill-fruntieri tagħhom; u (iv) fis-swieq tal-elettriku bl-imnut is-servizzi ġodda jiġu introdotti bil-mod, hemm livelli baxxi ta' servizz u prestazzjoni tas-suq dubjuża.

X'mistennija tikseb din l-inizjattiva? Massimu ta' 8 linji

L-għan ġenerali tal-politika huwa li tagħmel is-swieq tal-elettriku aktar sikuri, effiċjenti u kompetittivi, filwaqt li tiżgura li l-elettriku jiġi ġenerat b'mod sostenibbli u jibqa' affordabbli għal kullħadd. Dan jeħtieġ li l-benefiċċji sħaħ tal-kompetizzjoni f'termini ta' prezzijiet, kif ukoll il-firxa u l-livell tas-servizzi, jgħaddu għal għand kull konsumatur. Jeżistu erba' għanijiet speċifiċi: (i) l-adattament tad-disinn tas-suq biex il-ġenerazzjoni varjabbli u kemm-il darba deċentralizzata tkun kosteffiċjenti, u tqis l-iżviluppi teknoloġiċi; (ii) il-faċilitazzjoni tal-investiment fl-ammont korrett u t-tip ta' riżorsi biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista filwaqt li jiġu limitati l-effetti ta' tgħawwiġ li jkollhom il-mekkaniżmi tal-kapaċità mhux koordinati; (iii) it-titjib ta' kif l-Istati Membri jistrieħu fuq xulxin fi żminijiet ta' stress tas-sistema u t-titjib tal-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni tagħhom fil-kriżijiet; u (iv) l-indirizzar tal-kawżi u s-sintomi ta' kompetizzjoni dgħajfa fis-swieq bl-imnut tal-enerġija.

X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE? Massimu ta' 7 linji

Is-swieq tal-elettriku saru aktar integrati bis-saħħa ta' aktar kummerċ transkonfinali fl-elettriku u aktar interkonnessjonijiet fiżiċi fil-grilja tal-elettriku Ewropea. Dawn il-fatturi, flimkien ma' ishma dejjem ogħla ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, wasslu biex is-sistemi tal-elettriku nazzjonali saru ferm aktar interdipendenti minn qatt qabel. Din l-inizjattiva għandha l-għan li temenda l-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE u li toħloq oqfsa ġodda għall-kooperazzjoni transkonfinali. Dawn jistgħu jinkisbu biss, legalment u fil-prattika, fuq livell Ewropew. L-isfidi ma jistgħux jiġu indirizzati b'mod daqshekk effettiv mill-Istati Membri individwali. It-trawwim ta' suq tal-elettriku tal-UE aktar effiċjenti u integrat, u l-iżgurar ta' rispons aktar koordinat ta' politika għas-sigurtà tal-provvista, jirrikjedu approċċi armonizzati u kkoordinati mill-Istati Membri kollha. Dawn jistgħu jinkisbu bl-aktar mod effettiv permezz ta' azzjoni tal-UE.

B. Soluzzjonijiet

X'għażliet tal-politika leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi ġew ikkunsidrati? Hemm għażla preferuta jew le? Għalfejn? Massimu ta' 14-il linja

Il-valutazzjoni tal-impatt tippreżenta firxa ta' għażliet ta' politika leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi għal kull wieħed minn dawn l-oqsma problematiċi identifikati.

Għall-adattament tad-disinn tas-suq: (0) l-ebda azzjoni min-naħa tal-UE; (0+) għażla mhux regolatorja; (1) aġġornament tal-flessibilità tas-suq permezz tal-introduzzjoni ta' qafas li jorbot legalment, li jħalli lok għall-implimentazzjoni nazzjonali. Din l-għażla tinkorpora livelli varji ta' ambizzjoni għall-integrazzjoni tas-swieq, mill-inqas ambizzjuża (a) sal-aktar ambizzjuża (c); (2) integrazzjoni sħiħa tas-suq tal-UE. L-għażla/għażliet preferuta/i hija 1(c).

Għall-faċilitazzjoni tal-investimenti fil-kapaċità tal-ġenerazzjoni: (0) l-ebda azzjoni min-naħa tal-UE; (0+) għażla mhux regolatorja; (1) issir ħidma lejn suq imtejjeb tal-enerġija, mingħajr il-mekkaniżmi tal-kapaċità; (2) il-mekkaniżmi tal-kapaċità jiġu bbażati fuq valutazzjoni tal-adeqgatezza fl-UE kollha; (3) il-mekkaniżmi tal-kapaċità jiġu bbażati fuq qafas tal-UE għall-parteċipazzjoni transkonfinali; (4) jiġu stipulati mekkaniżmi ta' kapaċità għall-UE/regionali. L-għażla preferuta hija t-3 (li tinkludi wkoll l-alternattivi 1 u 2).

Għat-titjib ta' kemm l-Istati Membri jistrieħu fuq xulxin u jikkooperaw f' żminijiet ta' kriżi: (0) l-ebda azzjoni min-naħa tal-UE; (0+) għażla mhux regolatorja ta' infurzar; (1) regoli minimi komuni li għandhom jiġu rispettati mill-Istati Membri; (2) regoli minimi komuni flimkien ma' obbligi ta' kooperazzjoni effettiva f'kuntest reġjonali u tal-

<p>UE; (3) armonizzazzjoni sħiħa u teħid tad-deċiżjonijiet fuq livell reġjonali. <u>L-għażla preferuta hija 2</u></p> <p>Biex tiġi indirizzata l-kompetizzjoni dgħajfa fis-swieq tal-konsumaturi: (0) l-ebda azzjoni min-naħa tal-UE; (0+) għażla mhux regolatorja biex jittejbu l-kompetizzjoni u l-involvement tal-konsumaturi; (1) l-introduzzjoni ta' qafas illegalment vinkolanti, li jħalli lok għall-implimentazzjoni nazzjonali. (2) armonizzazzjoni sħiħa u salvagwardji għall-konsumaturi. <u>L-għażla preferuta hija 1.</u></p> <p>L-għażliet preferuti huma l-aktar effikaċi, l-aktar ekonomikament effiċjenti u konsistenti ma' oqsma oħra ta' politika.</p>
<p>Liema għażla u min jappoġġaha? <u>Massimu ta' 7 linji</u></p> <p>L-għażliet u ideat varji huma bbażati fuq evalwazzjoni tal-għażliet u l-argumenti mressqa mill-partijiet ikkonċernati kollha, b'mod partikolari matul il-konsultazzjonijiet pubbliċi. Nemmu li l-inizjattivi proposti huma kompromessi ġusti u proporzjonati. Nemmu li dawn ser jirriżultaw fi swieq li f'terminu ta' żmien qasir u medju aktar sikuri, effiċjenti u kompetittivi, filwaqt li tiżgura li l-elettriku jiġi ġġenerat b'mod sostenibbli u jibqqa' affordabbli għal kulħadd. L-inizjattivi proposti jiżguraw li ma ssir l-ebda ħsara lis-suq intern tal-elettriku.</p>
<p align="center">C. L-impatti tal-għażla preferuta</p>
<p>X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla preferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma l-benefiċċji prinċipali)? <u>Massimu ta' 12-il linja</u></p> <p>Hawn taħt tingħata ħarsa olistika tal-benefiċċji tal-għażliet preferuti:</p> <ul style="list-style-type: none"> - Kontribut lejn is-suq intern tal-elettriku billi jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ekwi fost id-diversi riżorsi fuq in-naħa tal-provvista/domanda. Dan iżid il-pressjonijiet kompetittivi u għalhekk jista' jagħmel pressjoni 'l isfel fuq il-kontijiet tal-elettriku, biex fl-aħħar mill-aħħar jibbenefikaw il-konsumaturi u l-ekonomija mingħajr impatt fuq l-ambjent. Barra minn hekk, suq tal-elettriku li jiffunzjona sew ikollu benefiċċji ambjentali indiretti peress li dan joħloq inċentiv biex tiżdied il-ġenerazzjoni b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju. - Sistemi tal-elettriku aktar affidabbli fl-Ewropa b'inqas kostijiet. Dawn huma ta' benefiċċju għall-ekonomija u jipprovdu benefiċċji diretti lin-negozji u lill-konsumaturi. Jgħinu biex jiġu evitati l-kriżijiet tal-elettriku u, jekk madankollu jokkorru, jottimizzaw riżorsi skarsi u jiżguraw li s-swieq jibqgħu jiffunzjonaw kemm jista' jkun fit-tul. - Tħaddim aktar effiċjenti tas-sistemi tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni Ewropej Dan iwassal għal iffrankar fl-ispejjeż li fl-aħħar mill-aħħar jistgħu jgħaddu għand il-klijenti, inklużi dawk f'qagħda ta' faqar enerġetiku kif ukoll in-negozji. Dan huwa wkoll ta' benefiċċju għall-ekonomija u għaċ-ċittadini. Għandu wkoll benefiċċji ambjentali indiretti peress li sistema aktar effiċjenti aktar hija f'qagħda li takkomoda ishma għolja ta' ġenerazzjoni ta' enerġija rinnovabbli. - Il-miżuri proposti dwar il-faqar enerġetiku se jkollhom effetti pożittivi fuq is-saħħa u l-benessri tal-unitajiet domestiċi fl-UE kif ukoll jipprovdu titjib indirett fil-produttività fl-ekonomija kollha
<p>X'inhuma l-ispejjeż tal-għażla preferuta (jekk hemm, jew inkella dawk ewlenin)? <u>Massimu ta' 12-il linja</u></p> <p>Jista' jkun hemm spejjeż amministrattivi għall-partijiet ikkonċernati li jirriżultaw mill-ħtieġa li janalizzaw u jadattaw il-prattiki tan-negozju biex jiffaċilitaw il-bidliet fil-funzjonament tas-swieq tal-elettriku proposti fl-inizjattiva. Madankollu, jkun hemm ukoll frankar tal-ispejjeż hekk kif is-swieq tal-elettriku jsiru aktar integrati. Mhumiex mistennija impatti diretti negattivi fil-qasam soċjali jew dak ambjentali.</p>
<p>X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u fuq il-kompetittività? <u>Massimu ta' 8 linji</u></p> <p>L-inizjattivi proposti jnaqqsu l-ostakoli għas-suq għal parteċipanti ġodda u jipprovduhom b'qafas operattiv stabbli. Dan huwa partikolarment importanti għan-negozji l-ġodda u SMEs li tipikament joffru servizzi u prodotti innovattivi tal-enerġija. Min-naħa l-oħra, installazzjonijiet żgħar ħafna jistgħu ikunu soġġetti għal impatti amministrattivi. Dawn l-impatti huma mnaqqsa b'mod sinifikanti minn miżuri li jiffaċilitaw l-aggregazzjoni tagħhom, li jippermettu t-tħaddim u l-ġestjoni konġunti ta' għadd kbir ta' impjanti żgħar. Huma previsti wkoll ċerti eżenzjonijiet.</p>
<p>Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali? <u>Massimu ta' 4 linji</u></p> <p>L-inizjattivi proposti jistgħu jimponu spiża ta' darba għall-Istati Membri, li jistgħu jintalbu jemendaw il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom. Jistgħu jittgħu wkoll piż addizzjonali fuq l-awtoritajiet kompetenti peress li dawn ikunu meħtieġa jissorveljaw l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni kontinwa ta' dawn l-inizjattivi. Madankollu, l-impatt ikun limitat peress li l-awtoritajiet kompetenti diġà jaqdu dawn id-dmirijiet fuq il-livell nazzjonali.</p>
<p>Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra? <u>Massimu ta' 6 linji</u></p> <p>Ladarba dawn il-pajjiżi jimplimentaw u japplikaw l-inizjattivi proposti, nistgħu nipprevedu kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-Partijiet Kontraenti tal-Komunità tal-Enerġija. Dan huwa partikolarment minnu għall-Istati Membri bi frontieri komuni ma' pajjiżi tal-Komunità tal-Enerġija.</p>
<p>Il-proporzjonalità?</p> <p>L-għażliet preferuti mogħtija fil-qosor hawn fuq kollha jfittxu li jiksbu bilanċ bejn erba' għanijiet: (i) it-titjib tal-kompetittività, l-effiċjenza u l-affidabbiltà globali tas-swieq tal-elettriku; (ii) il-faċilitazzjoni tat-tranżizzjoni lejn il-produttività tal-elettriku b'livell baxx ta' karbonju; (iii) il-promozzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali; u (iv) li jitħalla lok għall-implimentazzjoni nazzjonali.</p>
<p align="center">D. Segwitu</p>
<p>Meta se tiġi rieżaminata l-politika? <u>Massimu ta' 4 linji</u></p> <p>Il-Kummissjoni se tissorvelja t-traspożizzjoni tal-leġiżlazzjoni u l-konformità mal-miżuri adottati. Tiegħu miżuri ta'</p>

infurzar jekk u meta jkun meħtieġ. L-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) kull sena se tissorvelja l-progress lejn il-kisba tal-għanijiet tal-inizjattivi proposti. Il-Kummissjoni se tevalwa l-effikaċja, l-
effiċjenza, il-koerenza u r-rilevanza tal-miżuri adottati finalment, 5 snin (indikattiv) wara d-dħul fis-seħħ tal-
miżuri adottati.